

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Novembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hessisches Landesarbeitsgericht – il-Ġermanja) – Jürgen Webb-Sämann vs Christopher Seagon (li qiegħed jaġixxi bħala kuratur tal-falliment ta' Baumarkt Praktiker DIY GmbH)

(Kawża C-454/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 2008/94/KE — Artikolu 8 — Protezzjoni tal-impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjegahom — Dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali — Portata — Miżuri neċessarji għall-protezzjoni tad-drittijiet kweżiti jew fil-proċess li jinkisbu ta' impjegati taħt skema komplementari ta' pensjoni — Obbligu li jiġi previst dritt għall-esklużjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tal-irtirar mhux imħallsa mill-massa tal-falliment — Assenza)

(2017/C 030/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Hessisches Landesarbeitsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Jürgen Webb-Sämann

Konvenut: Christopher Seagon (li qiegħed jaġixxi bħala kuratur tal-falliment ta' Baumarkt Praktiker DIY GmbH)

Dispożittiv

L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ ta' insolvenza ta' min iħaddimhom, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jimponix, fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega, li s-somom miżmuma mis-salarju kkonvertiti f'kontribuzzjonijiet tal-irtirar ta' ex impjegat, li din il-persuna li timpjega kellha tħallas f'kont tal-irtirar għall-benefiċċju ta' dan l-impjegat, għandhom jiġu esklużi mill-massa tal-falliment.

⁽¹⁾ ĠU C 389, 23.11.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-30 ta' Novembru 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Franċiża, Orange, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

(Kawża C-486/15 P) ⁽¹⁾

(Appell — Għajjnuna mill-Istat — Miżuri finanzjarji favur France Télécom — Offerta bil-quddiem ta' azzjonist — Dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' rappreżentanti tal-Istat Franċiż — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni — Kunċett ta' "għajjnuna" — Kunċett ta' "vantaġġ ekonomiku" — Kriterju ta' investitur privat avżat — Obbligu ta' motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali — Limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju — Żnaturament tad-deċiżjoni kontenzjuża)

(2017/C 030/12)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Giolito, B. Stromsky, D. Grespan u T. Maxian Rusche, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues, D. Colas u J. Bousin, aġenti), Orange, li qabel kienet France Télécom (rappreżentanti: S. Hautbourg u S. Cochard-Quesson, avukati), Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 381, 16.11.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-1 ta' Diċembru 2016 – Toni Klement vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Bullerjan GmbH

(Kawża C-642/15 P) ⁽¹⁾

(Appell — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Trade mark tridimensjonali li tirrappreżenta l-forma ta' forn — Artikolu 51(1)(a) — Talba għal revoka ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea — Punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) — Użu ġenwin tat-trade mark — Ċaħda tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità)

(2017/C 030/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Toni Klement (rappreżentant: J. Weiser, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Schifko, aġent), Bullerjan GmbH

Dispożittiv

- 1) *Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Settembru 2015, Klement vs UASI – Bullerjan (Forma ta' forn) (T-211/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:688), hija annullata.*
- 2) *Il-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.*
- 3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

⁽¹⁾ ĠU C 68, 22.2.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-24 ta' Novembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof – il-Ġermanja) – Bund Naturschutz in Bayern e.V., Harald Wilde vs Freistaat Bayern

(Kawża C-645/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ambjent — Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent — Direttiva 2011/92/UE — Proġett suġġett għall-evalwazzjoni — Anness I, punt 7 — Ftehim Ewropew dwar l-Arterji Prinċipali tat-Traffiku Internazzjonali (AGR) — Twessigħ ta' triq ta' erba' korsiji fuq tul ta' inqas minn 10 kilometri)

(2017/C 030/14)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bayerischer Verwaltungsgerichtshof